TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 152/16/F

**Karen Grech**

**vs**

**Roderick Bellizzi u l-kjamat in kawża Eman Zammit**

Illum 23 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 t'Awwissu, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija u sittin ewro (€360), rappreżentanti xogħol ta' membrane li sar ħażin.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija akkwistat sussidju mil-Housing għal prezz ta' €360 sabiex tirranġa d-dar u irriżulta li x-xogħol sar kollu ħażin. Irriżulta wkoll li Roderick Bellizzi l-intimat kull m'għamel illi uża l-VAT receipt tiegħu, pero' x-xogħol fil-fatt għamlu l-kjamat in kawża Eman Zammit, fejn la ssottometta risposta u lanqas attenda għas-seduta.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lil kjamat in kawża Eman Zammit iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet mija u sittin ewro (€360), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888